MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-28 ta' April, 2006

Talba Numru. 6/2004

**Cheryl Wismayer**
**vs**
**Joseph Abela u Interventures Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Dicembru, 2003, fejn intalab il-hlas ta' elf mija u tnejn u tmenin lira Maltija (Lm1182.00) valur ta' riparazzjonijiet rezi fil-proprjeta` ta' l-attrici bhala rizultat ta' xoghol hazin u mhux skond l-arti u s-sengha liema riparazzjonijiet il-konvenuti jew min minnhom obbligaw ruhhom li jezegwixxu izda li baqghu qatt ma gew ezegwiti, nonostante d-debiti interpellanzi.**
**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fis-6 ta' Frar, 2004 fejn intqal :**
**i. Illi preliminarjament, kuntrarjament ghal dak ddikjarat fit-talba, mhux minnu li l-konvenuti Joseph Abela u Interventures Ltd. individwalment jew in**

**solidum qatt obbligaw ruhhom li jezegwixxu xi xoghol fil-proprjeta` tal-attrici, aktar u aktar kif hu allegat, rizultanti minn xoghol hazin u mhux skond l-arti u s-sengha.**
**ii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-konvenuti, kemm individwalment jew in solidum, qatt ma gew lilhom ikkomunikati n-natura tax-xoghol hazin u mhux skond l-arti u s-sengha kif allegat.**
**iii. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Ra illi b'digriet tal-10 ta' Gunju, 2004, it-Tribunal hatar lill-Perit Patrick Camilleri bhala Perit Tekniku. Ra li r-rapport peritali gie mahluf fis-seduta tas-26 ta' Ottubru, 2004.**

**Ra l-affidavits ta' Cheryl Wismayer, Joseph Abela. Semgha x-xhieda ta' Anthony Gauci, Alfred Spiteri, Peter Montebello, Cheryl Wismayer, Oswald Wismayer, Joseph Abela u l-Perit Patrick Camilleri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Qed jintalab hlas ta' riparazzjonijiet fil-proprjeta` tal-attrici rizultat ta' xoghol li allegatament sar hazin mill-konvenuti jew min minnhom. Il-konvenuti qed jichdu dan.**
**2. Skond l-attrici hi kienet akkwistat l-appartament flat numru 17 li kien ghadu qed jinbena. Tghid li kien hemm kamra fuq wara li kienet ghada miftuha, mhux imsaqqfa, u talbet isir ix-xoghol fuq din. Skond l-attrici, kien il-konvenut Joe Abela li kkonvinciha ssaqqafha b'tegole*.* Tghid li ghalhekk saret struttura tal-injam sabiex jitpoggew it-tegole fuqha.**
**3. L-attrici tispjega li t-tegole saru meta hi kienet imsiefra u meta rathom lesti ma kienetx kuntenta peress li kienet tidher l-marka tad-ditta minn taht. Kienet ilmentat mal-konvenut Joe Abela fuq dan. Abela qalilha li kien jonqos jaghmel is-sealer, u qabbdet persuna hi biex jaghmel dan u biex jaghmel**

**ukoll soffitt biex minn geww ma jidrhux it-tegole. Tghid li din swiet tlett mitt lira (Lm300.00).**

**4. L-attrici tispjega li kien qed jidhol l-ilma tax-xita fil-kamra, peress li l-post ta' fuqa proprjeta' tas-socjeta` konvenuta ma kienx tlesta.**

**5. L-attrici tghid li meta baqa' diehel l-ilma, qabbdet lill-Perit Bencini li fil-presenza ta' Abela qal li x-xoghol ma kienx sar sew peress illi tegole, minhabba l-varjazzjoni fit-temperatura, jintuzaw biss ghall-skopijiet dekorativi u qatt bhala saqaf. Ghalhekk l-attrici nefqet mija u tmienja u ghoxrin lira u disa' centezmi (Lm128.09) f'materjal (Dok.1), u mitejn u disgha u disghin lira (Lm299.00) labour (Dok.2) biex issostitwiet it-tegole. Joe Abela ha lura t-tegole, skond l-attrici minghajr il-permess taghha.**

**6. L-attrici tghid ukoll li kien hemm frame tal-gebel dekorattiv madwar tieqa tal-faccata, li beda jinqala, u bdiet tifforma l-umdita hemmhekk. Tghid li l-Perit Bencini sostna li jsir xoghol rimedjali. Tghid li Abela ma rrimedjax u dahal aktar ilma u dana sas sena 2002. F'Marzu, 2003 waqa xi whud minn dan il-gebel. Il-pulizija ordnaw li l-gebel li kien ghadu perikolanti jitnehha.**

**7. L-attrici tghid li sussegwentement, peress illi l-konvenut ma rrimedjax dwar it-tieni tieqa li wkoll kellha gebel perikolanti, dan waqa wkoll u gie fuq karrozza. Skond l-attrici meta l-pulizija kkuntattjaw lil Abela dan irrifjutta li jigi, peress li qal li Cedric Azzopardi, il-persuna li jsuq il-karrozza tal-kumpanija me messux pparkja hemm minhabba l-periklu. Il-kuntrattur Peter Montebello, fir-rigward xehed li intuzat kolla, meta din mhux suppost li intuzat fuq barra. Ix-xoghol rimedjali fuq il-faccata gie stmat tlett mija u tmenin lira (Lm380.00) Dok.PM1.**

**8. Anton Gauci bazikament jikkonferma dak li qalet l-attrici, u jghid ukoll li t-tegole mehux suppost li jidrhu minn that, u jekk l-injam ma jitqieghedx b'mod li it-tegole jistghu jserrhu sew, hu evidenti li jkun hemm perkolazzjoni ta' l-ilma.**

**9. Il-konvenut jghid li kien accetta li jaghmelilha x-xoghol tat-terrazzin u jallega li dan ghamlu bil-kundizzjoni li jghinu Anton Gauci. Lit-Tribunal ma**

**jirrizultalux li Anton gauci qatt kien imdahhal f'dan il-ftehim.**

**10. Jirrizulta ex admissis li l-konvenut kien accetta li jaghmlilha t-tegole, anke jekk dawn xtaqithom hi. Jghid li riedet tghatti it-tegole minn traht bil-plywood biex ma tidhirx il-marka taghhom. Il-konvenut jghid li mhux l-ewwel darba li saqaf jaghmel l-ilma ssakemm jinstab id-difett. Hu jallega li s-saqaf ghamilulha bi pjacir u bla ebda obbligu. It-Tribunal ma jsibx verosimili tali versjoni.**

**11. Dwar it-twieqi il-konvenut jghid li kien irrimedja is-sitwazzjoni u rega inkollhahom. Pero` fir-rigwward it-Tribunal jinnota li dawn tassew waqghu u li sar xoghol rimedjali minn haddiehor.**

**12. Dwar dhul ta' ilma, il-konvenut jsostni li ma setghax kien hemm leakage.**

**13. It-Tribunal ezamina r-rapport tal-Espert Arkitett nominat, u jaghmel referenza ghall-konkluzjonijiet hemm milhuqa.**

**14. Minn tali rapport, u mill-valutazzjoni tal-fatti fuq maghmula, it-Tribunal hu tal-fehma li il-konvenut kien responsabbli ghall fatt li l-attrici inkorriet spejjez fil-facatta, kif ukoll li l-attrici inkorroet l-ispejjez biex tnehhi t-tegole u tissostitwihom, u dana minhabba li x-xoghol ma kienx sar sew. Jirrizulta pruvat illi kien jidhlilha ilma meta kellha t-tegole. Dwar it-tbajja ta' l-umdita` dawn jidrhu li kienu rizultat ta' xoghol li sar minn haddiehor u ghallhekk ghall dan mghandux jaghmel tajjeb il-konvenut. Pero` dan ta' l-ahhar jirrigwarda spejjez minimi, u kien aktar l-inkonvenjent li dan ikkawza li ghalih mghandux tort il-konvenut.**

**15. Ghalhekk it-Tribunal qed jaccetta is-segwenti ammonti: a. selaer tas-soffitt fl-ammont ta' tlett mitt lira (Lm300.00); b. panels fis-somma ta' mija u tmienja u ghoxrin lira u disa' centezmi (Lm128.09); labour mitejn u disgha u disghin lira (Lm299.00) labour; u xoghol fuq il-faccata tat-tieqa tlett mija u tmenin lira (Lm380.00). Dawna jammontaw ghall elf u seba' liri Maltin u disa' centezmi (Lm1007.09).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' elf u seba' liri Maltin u**

**disa’ centezmi (Lm1007.09) u jikkundanna lill-konvenuti in solidum ihallsu lill-attrici s-somma ta’ elf u seba’ liri Maltin u disa’ centezmi (Lm1007.09), bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------